# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 10/2022

17 ta' Awwissu, 2022

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fis-5:00 pm.

Preżenti:

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Francis Callus | Viċi Sindku |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Publio Abdilla | Kunsillier |
| Mark Cocker | Kunsillier |

Uffiċċjal Preżenti:

Doris Baldacchino: Segretarju Eżekuttiv

**10.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Kunsilliera Joanna Abdilla kienet ser tattendi għal laqgħa aktar tard. Hija ġiet skużata.

**10.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

Il-Kunsilliera qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti u tal-laqgħa li kienet saret b'urġenza. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

10.1.1 Is-Sindku qal li ref punt 8.3.2 ix-xogħol fis-Soft Area l-isfel miċ-ċimiterju għalkemm inżergħu minn Infrastructure Malta, il-munutenzjoni kienet taqa' f'idejn il-Kunsill u għalhekk il-Kunsill għandu jqabbad il-kuntrattur sabiex isir iż-żbir.

10.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 8.1.4 kienu twaħħlu t-tliet bollards f'Misraħ San Ġużepp.

10.2.1 Is-Sindku spjega li kien ser jagħti update tal-festa aktar 'il quddiem waqt il-laqgħa u qal li din is-sena il-Kunsill kien iltaqa' ma diversi diffikultajiet sabiex isir l-għeluq tat-toroq. Saret diskussjoni fuq dan il-punt.

Il-Viċi Sindku qal li llum il-Kunsill jista' jikkonferma kemm il-Kunsill kellu raġun fil-passat li żamm sod sabiex id-daħla għal Ħal Safi minn Triq il-Karwija ma tispiċċax. Il-Kunsill qabel.

10.2.2 Is-Sindku spjega li punt 8.2.3 kienet tlestiet l-ewwel fażi tal-proġett tal-Enemalta. Is-Sindku qal li l-Kunsill ma kienx irċieva lmenti kif kien qed isir ix-xogħol u faħħar lill-kuntrattur għaliex kien ħadem tajjeb ħafna. Is-Sindku spjega li t-tieni fażi kienet ser issir wara l-festa u mbagħad isir *r-reinstatement* kollu f'daqqa. Is-Sindku qal li fl-aħħar kellhom isiru x-xogħolijiet tal-*water culverts* minn Infrastructure Malta. Hawn saret diskussjoni fuq kif kienu ser isiru l-culverts u l-qlib tagħhom.

Is-Sindku kkonferma li hekk kif jitlestew ix-xogħolijiet minn naħa tal-Enemalta kienet ser issir laqgħa oħra minħabba l-water culverts u stieden lill-Kunsilliera sabiex jattendu ukoll.

10.2.3 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk il-Kunsill kienx staqsa lil Parks Malta minħabba t-tisqija. Is-Sindku kkonferma li kien ser ikollu laqgħa ma' Parks Malta fejn kien ser jistaqsihom.

10.2.4 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa rigward il-funtana li għandna fil-bandli. Is-Sindku kkonferma li l-pompa tal-ilma kienet bil-ħsara u li issa kienet issewwiet. Il-Kunsill iddiskuta l-funtana u l-kobor tal-kaxxa tal-ilma.

**10.2 Komunikazzjoni tas-Sindku**

10.2.1 Is-Sindku qal li mill-Ġimgħa ta' wara l-laqgħa kienu ser jingħalqu t-toroq minħabba l-festa u spjega li sabiex ikomplu bix-xogħolijiet fi Vjal ix-Xarolla minn-naħa tal-Public Works meta Triq il-Kuċċard tkun magħluqa kienu ser jipprovdu shuttle service minn Ħal Safi għaż-Żurrieq li ser ikun qed jopera kull għoxrin minuta. Il-Kunsill iddiskuta l-għeluq tat-toroq u kif ser jolqtuna l-festi ta' Ħal Kirkop u ż-Żurrieq.

10.2.2 Is-Sindku spjega lill-Kunsill li fi Triq il-Kuċċard kienu qed isiru t-toqob fit-triq minħabba n-nar tal-art. Saret diskussjoni u l-Viċi Sindku qal li jekk ‘il quddiem issir talba oħra għal aktar toqob tajjeb li nikkunsidraw li ssir blokka tal-konkos fl-art. Il-Kunsill qabel li ‘l quddiem nikkunsidraw skont it-talba.

10.2.3 Is-Sindku qal li flimkien ma rappreżentant mit-tliet każini tar-raħal kien attenda għal laqgħa mas-supretendent u l-ispettur tal-pulizija minħabba l-attivitajiet tal-festa. Huwa spjega li minħabba li kien sar xi ftehim mal-għaqda każini, issa l-każini kellhom jagħlqu siegħa biss fuq il-ħin stipulat li tkun ser tispiċċa l-attivita’. Is-Sindku qal li s-supretendent kien qed jissuġġerixxi li l-każini politiċi ukoll iżommu l-istess ħin. Saret diskussjoni fuq il-programm tal-festa.

10.2.4 Is-Sindku qal li kienet inqalgħet kwistjoni fuq siġra protetta’ li hemm mal-ġenb tal-Każin. Huwa spjega li l-kuntrattur tagħna diġa’ kien żabar ftit minn naħa t’isfel pero’ l-bandalora xorta ma kinitx tgħaddi. Is-Sindku qal li kien ħa parir mingħand min jagħmlilna ż-żbir tas-siġar li kkonfermalu li ż-żbir ma jistax isir min-nofs biss u jekk neħdulhom kullimkien l-istess biex tkun tista’ tgħaddi l-bandalora s-siġra inneżżgħuha. Is-Sindku kkonferma li kien talab parir mill-ERA li kkonfermaw li bħal issa ma kienx iż-żmien li jsir iż-żbir.

Is-Sindku qal li kien offra li l-Kunsill jagħmel toqob ġodda metru l-barra sabiex ikunu jistgħu jeħlu il-bandalori pero’ ma kienx hemm qbil minn naħa tal-Każin.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla daħlet għal laqgħa 18:16

Is-Sindku spjega lill-Kunsilliera li l-Kunsill kien qed jiddiskuti l-problema tas-siġar maġenb il-Każin.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla staqsiet jekk tistax tinżabar minn quddiem biss u nħallu l-ġnub pero’ ħadd ma qabel.

Il-Viċi Sindku qal li din il-problema l-Kunsill diġa’ kien għadda minnha fl-leġiżlatura preċedenti.

Is-Sindku spjega li diġa kien tkellem mal-ERA u kkonferma li naqra trimming jista’ jsir pero’ bi trimming biss il-bandalora xorta ma kinitx ser tgħaddi. Is-Sindku kompla jagħmilha ċara li s-siġra ma kinitx ser tinżabar qabel ma jkollna permess mill-ERA u ż-żbir issir b’mod professjonali u jekk xi ħadd kien ser imiss is-siġra l-Kunsill kien ser jagħmel rapport lill-puliżija.

10.2.5 Is-Sindku qal li kien irċieva talba minn persuna fi Triq Qerd in-Nahal minħabba li kellu problema bl-ilma tax-xita. Huwa spjega li l-ilma minn Triq Mikelanġ Busuttil jiġi dirett u jigi l-ilma ukoll minn Triq ta' Ġahwar, meta jiltaqa' jogħla l-ilma fi Triq Qerd in-Naħal li jikkawża li jidħollu l-ilma fil-basement. Is-Sindku qal li kien qed jissuġġerixxi li l-Kunsill ikellem lill-Perit tal-Kunsill sabiex imur fuq il-post u jara x'jista' jsir sabiex aħna nkunu nistgħu ngħaddu l-istess rapport lill-Infrastructure Malta. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna navżaw lil din il-persuna sabiex jipprovdi rapport mill-Perit personali tiegħu x'jista jsir sabiex il-Kunsill ikun jista' jgħaddih lil min ikkonċernat.

10.2.6 Is-Sindku qal li kien irċieva talba sabiex issir mera oħra f'Żurrieq Road fejn hemm il-Ħajt Ruman. Is-Sindku spjega li din il-mera ser tkun qed isservi għal kull minn għandu garaxx f'din l-akwata. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li ghandha issir mera oħra.

10.2.7 Is-Sindku qal li f''Ottubru kienet ser issir European Week of Regions fejn ir-Reġjun kien qed joffri li jtellgħa tlett persuni mir-Reġjun. Huwa spjega li kien hu wera l-interess tiegħu u li kien ser jattendi flimkien ma xi Sindki oħra.

Il-Viċi Sindku kien skużat mil-laqgħa 19.11

**10.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

10.3.1 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li s-sinjali fi Triq il-Kuċċard kien jintieġ li jerġgħu jiġu rifreskati għaliex kienu ċċaraw. Is-Sindku kkonferma li l-marki kienu ser isiru meta tingħalaq it-triq sabiex jintrama n-nar tal-art.

Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus kien preżenti 19.18

10.3.2 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk kienx sar ix-xogħol fuq il-balavostri taz-zuntier. Is-Sindku qal li l-kuntrattur diġa' kien prova pero' ċertu tbajja ma setgħux imorru u issa l-kuntrattur kien qed jikkonferma li x-xogħol kien ser isir wara l-festa minħabba li diġa' kienu żejnu għall-festa. Is-Sindku spjega li l-kuntrattur kien qallu li min kien għamlilna x-xogħol fil-passat ma kienx għadu jaħdem magħhom pero' kienu għamlu kuntatt miegħu sabiex jipruvaw li x-xogħol isir bħal dak ta' dakinhar.

10.3.3 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kienet irċeviet xi lmenti minħabba l-indafa tat-toroq. Il-Kunsill iddiskuta il-problema tal-knis.

10.3.4 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li l-ħarġa għal Filfla kienet suċċess. Il-Viċi Sindku qal li kien irċieva lment minħabba xi persuna li ma laħqitx post. Is-Sindku kkonferma li Kunsill kien ħa ħsieb jindirizza dan l-ilment ġiet solvuta.

10.3.5 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kellha l-ħsieb li torganizza ħarġa għal Kemmuna pero' kienet ser tiċċekja u tavża lill-Kunsill.

10.3.6 Il-Kunsillier s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kellha l-ħsieb ukoll li torganizza attivita' sportiva għat-tfal.

10.3.7 Il-Viċi Sindku s-Sur Francis Callus qal li kellu ippjanat li kien ser isemmi l-ilment ta' qabel 10.3.4 rigward il-ħarġa għal Filfla pero' diġa' kienet ġiet indirizzata.

10.3.8 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa kif kienet sejra l-inizjattiva għall-ikel tal-qtates u jekk kienx hemm xi problemi. Is-Sindku kkonferma li dan il-proġett kien ingħalaq kif stipulat fil-kuntratt.

10.3.9 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li kienet għadha kif irċiviet ilment u t-tindif ma jsir fil-village core biss imma kullimkien. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jirċievi ħafna lmenti li m'għandhom x'jaqsmu xejn mal-kennies.

10.3.10 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker staqsa jekk kienx sar it-tindif ħdejn u wara Gnien Sir Alexander Ball. Is-Sindku kkonferma li dan ix-xogħol kellu jsir dik il-ġimgħa stess pero' l-Kunsillier Mark Cocker insista li ma kienx sar.

10.3.11 Il-Kunsillier is-Sur Mark Cocker qal li kien daħallu lment li kienet reġgħet intlaqtet il-gallarija ta' residenza fi Triq San Pawl. Is-Sindku kkonferma li l-Kunsill kien offrielu li ssir tabella li hemm il-gallarija pero' sid id-dar ma kienx aċċetta u t-talba għal bollard ma kinitx intlaqgħet minn Transport Malta. Il-Kunsill iddiskuta il-problema tas-sewqan fi Triq San Pawl.

10.3.12 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla staqsa jekk il-Kunsill kienx ħa ħsieb it-tindif ta' Sqaq Numru 1 fi Triq San Pawl. Is-Sindku kkonferma li l-ħaddiema diġa' kienu marru.

10.3.13 Il-Kunsillier is-Sur Publio Abdilla qal li persuna kienet ilmentat li min ikun ġej minn Triq il-Kuċċard sejjer lejn Triq San Gwann seta' ma jarax li faċċata hemm ħajt u ssuġġerixxa li jsir reflector jew tabella mal-ħajt. Il-Kunsill iddiskuta u sar suġġeriment li jsiru reflectors mal-bankina pero' l-Kunsillier Publio Abdilla qal li f'din il-parti tat-triq iżżomm l-ilma u meta jinxef tiġi kollha tajn u ma jibqa' jidher xejn. Is-Sindku qal li sabiex isiru reflectors mal-ħajt kellna navviċinaw lis-sidien.

10.3.14 Il-Kunsilliera s-Sinjorina Joanna Abdilla qalet li Triq l-Ibraġġ u Triq Ta' Rqajja kellhom bżonn jitnaddfu mill-ħmieġ u mill-ħaxix.

**10.4 Rapport**

Approvazzjoni tat-Tieni Kwart tal-Financial Report 2022

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Accountant kellha tibghat l-Financial Report pero' sfortunatament ma rnexxiliex u għalhekk kien ser jiġi approvat fil-laqgħa li jmiss.

**10.5 Cirkulari Numru SPI/SCI/09/2022**
**Finanzjament ta'Proġetti Kapitali – Komunitajiet isbaħ u aktar b'saħħithom**

Is-Sindku preżenta Cirkulari Numru SPI/SCI/09/2022. Huwa spjega li ħafna kunsilli kienu qed jinvestu f'vann sabiex jagħtu servizz ta' trasport lill-anzjani u għalhekk din setgħet tkun opportunita' fejn anki l-Kunsill tagħna nistgħu nagħmlu l-istess u nibdew nagħtu servizz lill-anzjani sabiex imorru ż-Żurrieq jew inkella Ħal Kirkop. Huwa spjega li l-anzjani u/jew nies vulnerabbli jkunu jridu jibbukjaw is-servizz minn jumejn qabel sabiex il-Kunsill ikun jista' joħloq ir-rotta. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw għal xiri ta' vann taħt din l-iskema.

**10.6 Korrispondenza**

Il-Kunsill iddiskutew xi punti mill-korrispondenza

**10.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-pagamenti ġew diskussi u approvati unanimament.

**10.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Laqgħa ntemmet fit-8.32pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar l-Erbgħa 14 ta' Settembru, 2022 fil-5.00pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv